FGURA

Minuti tal-laqgħa (laqgħa urġenti) numru erbgħin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum il-Ġimgħa 7 ta' Jannar 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R Cutajar<br>Is-Sur A Debono<br>Is-Sur M Lombardo |
| **D/Segretarju:** | Is-Sur P. Massa |

Is-Sur C. Bonello u s-Sur D. Marmara' kitbu lill-Kunsill fejn talbu sabiex jiġu skużati mil-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol filwaqt li s-Sur P. Dalli talab li jkun skużat mil-laqgħa minħabba mard fil-familja.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk approva li dawn jiġu skużati għal-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 <u>Ħatra ta' Sotto Kumitat għall-evalwazzjoni tat-tenders</u>

1.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa urġenti ta' llum issejħet sabiex jinħatar sotto kumitat biex jevalwa l-offerti li għalqu fil-ġranet li għaddew kif ukoll jiġu deċiżi l-kriterji għall-evalwazzjoni.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2890/11/6 "Sabiex jinħatar sotto kumitat li jevalwa l-offerti tat-tender Street Sweeping and Cleaning Services SS-17-10, u t-tender tal-Insurance INS-17-10. Dan is-sotto kumitat ikun magħmul minn: Sindku, Viċi Sindku (Chairman), Saviour Camilleri, Pierre Dalli, Rita Cutajar, Alfred Debono, Mark Lombardo. L-evalwazzjoni ta' SS-17-10 għandha ssir fuq dawn il-kriterji: Tenderer's offer 60%; History and Record 20%; Equipment and manpower 10%; Experience 10%. L-evalwazzjoni ta' INS-17-10 għandha ssir skont cost

Mayor, Vicemayor, Councillors, Dep Cl. staff

effectiveness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2890/11/6 kienet approvata nem con.

Ġie deċiż li s-sotto kumitat għall-evalwazzjoni tat-tenders jiltaqa' nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar 2011 fil-5.30 p.m fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**2.0 Aġġornament**

2.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40p.m

Sindku

D/Segretarju